# KIF ŻVILUPPA U EVOLVA L-ILSIEN MALTI

Proġett tal-Malti

Justin Bezzina u Colin Deguara
Skola tas-Seminarju tal-Virtù

# Introduzzjoni

- Il-**Malti** huwa  l-ilsien nazzjonali tar-Repubblika ta' Malta. Huwa l-ilsien uffiċjali flimkien mal-Ingliż, kif ukoll wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.





- Minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħha, Malta dejjem ġibdet lejha l-attenzjoni ta' popli oħra.
- L-elementi ewlenin tal-lingwa tagħna huma frott tal-ilsna mitkellma minn dawk li ħakmuna jew minn kuntatti twal li kellna ma' pajjiżi barranin.
- F'dan il-proġett se nagħtu ħarsa lejn il-mixja ta' lsienna matul is-snin.



# *Il-wirt lingwistiku li ħallewlna fi lsienna popli li ħakmuna jew li ġejna f'kuntatt magħhom.*



# Djalogu li juri dan it-taħlit

-Hello, Colin! Kif int?

-Bonġu. Mhux ħażin, grazzi. Isma'! Tista' tgħidli x'homework tawkom it-teachers tas-Science u tal-Franċiz ilbieraħ?

-Ibda niżżel bil-bajrow dan li se ngħidlek: Science mill-ktieb page 24 exercise B u tal-Franċiż tatna project għal wara l-vaganzi tal-Għid.

-Grazzi, Col! Għada niltaqgħu l-pjazza u mmorru sal-Belt naraw film. Narak.

-Ċaw. Niltaqgħu, Just.

Mill-Għarbi
Mill-Isqalli / Mit-Taljan
Mill-Ingliż / Mill-Franċiż

- L-ewwel ħjiel tal-ilsien mitkellem mill-poplu neħduh fi żmien il-Feniċi u l-Puniċi (800-218.Q.K).
- Il-famuż *Ċippus* li nstab f'Malta jindika li l-ilsien Puniku kien mitħaddet minn dawk li kienu jgħammru f'dawn il-gżejjer.



Huwa interessanti l-fatt li meta San Pawl sab ruħu fuq gżiritna fis-sena 60 W.K., San Luqa, li rrakkonta kulma nsibu fl-Atti tal-Appostli, jiddeskrivi ’l-Maltin bħala *barbaroi* għax kienu jitkellmu lsien li la kien il-Latin u lanqas il-Grieg.



# Il-Ħakkiema Għarab

- Fis-sena 870 il-gżejjer tagħna nħakmu mill-Għarab. Ilsienna ġie influwenzat ħafna minn dawn il-barranin. Fil-fatt l-Għarbi jifforma s-sisien ta' lsienna.





- Il-vokabolarju l-aktar fundamentali tal-lingwa, li jirreferi għal oġġetti jew ideat marbutin ma’ mod ta’ ħajja sempliċi, baqa’ semitiku.
- Eżempji ta’ dan: ħobż, mejda, xogħol, u partijiet tal-ġisem bħal ras, widna, għonq.




# Iktar influwenza tal-Għarbi

L-Għarbi ħalla wkoll influwenza kbira fuq il-Malti fil-grammatika. Mill-Għarbi ħadna l-idea

- tal-verbi trilitteri
- u kwadrilitteri,
- l-għerq morfemiku,
- il-pronomi personali u mehmużin,
- in-nomi mimmati,
- id-diminuttivi,
- il-plurali sħaħ
- u miksurin.

| | |
|---|---|
| seraq | s-r-q |
| kaxkar | k-x-k-r |
| battal | b-t-l |
| ġabhom | -hom |
| fetaħ | muftieħ |
| dar | dwejra |
| karta | karti |
| barmil | bramel |

# Il-Miġja tal-Konti Ruġġieru

- Wara l-wasla tal-Konti Ruġġieru fl-1090 Malta bdiet tinqata' għal kollox mir-rabta tagħha mal-Għarab u l-Malti ma baqax jieħu kliem semitiku.
- Bdiet, għalhekk, dieħla l-influwenza Ewropea.
- Beda jintuża l-Latin fit-tmexxija u l-edukazzjoni u aktar tard l-Isqalli u t-Taljan.



# Id-dħul tal-element Rumanz

- Minħabba l-kuntatti mill-viċin ma’ Sqallija u l-Italja t’isfel, fil-Malti beda jidħol kliem Sqalli u Taljan li aħna niġbruh taħt it-terminu ‘L-element Rumanz.’
- Beda jidħol kliem aktar kumpless marbut ma’ snajja’ ġodda u ma’ modi ġodda ta’ għajxien.



# Żmien il-Kavallieri

- L-akbar effett tħalla mal-wasla u l-era tal-Ordni ta' San Ġwann (1530-1798).
- Bil-kultura tagħhom il-Kavallieri ġabu tibdil kbir fil-ħajja Maltija.
- Għalhekk daħal kliem bħal *kastell*, *letteratura*, *orgni*, *università*, *karnival*, *skultura*, *qorti*.



# It-tibdil li seħħ fi Isienna

- Beda dieħel ħafna kliem Rumanz.

- Seħħet ukoll bidla fil-grammatika, bħall-użu taz-zokk morfemiku.

| | |
|---|---|
| inform | informazzjoni |
| | informat |
| | informattiv |
| | informatur |

# Iktar tibdil

- Flimkien mal-forma semitika, maż-żmien bdejna naddattaw kliem Taljan. Hekk, ngħidu aħna, bdejna naraw kliem bħal pitter, pejjep li ħa t-tifsila tat-tieni forma.
- Fil-Malti sabu post ukoll ħafna suffissi Rumanzi bħal brigant, fewdaliżmu, storbjuż, estradit, stampat, emmnut.

# Żmien l-Ingliżi

- Ħaġa naturali li mill-1800, meta l-Ingliżi rifsu f'pajjiżna, il-Malti beda jiġi f'kuntatt mal-Ingliż.
- Dan beda jinħass l-aktar mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn meta l-influss tal-Ingliżi f'pajjiżna kien ikbar minħabba l-preżenza tal-forzi militari Ingliżi.
- Sa qabel il-Gwerra t-Taljan kien għadu l-ilsien uffiċjali kemm tal-istat kif ukoll tal-Knisja f'Malta.



# Il-kwistjoni tal-lingwa

- Bejn l-1850 u l-1930 il-Maltin tqabdu bejniethom dwar liema lingwa, bejn it-Taljan u l-Ingliż, kellhom jadottaw bħala l-ilsien uffiċjali ta' pajjiżhom.
- Din it-tilwima baqgħet magħrufa bħala 'Il-kwistjoni tal-lingwa'. Fiha daħlu l-aktar il-politiċi u n-nies tal-kultura Maltin.
- Ftit kienu dawk li bħal Dun Karm, insistew li filwaqt li għandna ngħożżu l-Ingliż u t-Taljan, il-Malti m'għandniex inbarruh.
- Fl-1934 ġie deċiż li l-Ingliż, flimkien mal-Malti, ikun l-ilsien uffiċjali tal-Gżejjer tagħna.





# Kliem Ingliż f'ilsienna

- Minħabba li kellhom bżonn ta' xulxin, il-gwerra ressqet lill-Maltin lejn l-Ingliżi.
- B'hekk beda dieħel f'ilsienna kliem Ingliż li kien jintuża dak iż-żmien u li għalih ma kellniex kliem purament Malti bħal tank, xelter, gaxin, dokjard.
- L-Ingliż baqa' jinfiltra sew fil-Malti u sa bdejna naddattaw kelmiet bl-Ingliż f'qafas semitiku bħal irrejdja, ikkonsma, ittestja, irreffja.

# Wara l-1964

- Meta Malta ngħatat l-indipendenza fl-1964, il-Malti u l-Ingliż baqgħu rikonoxxuti fil-kostituzzjoni l-ġdida bħala l-ilsna uffiċjali tagħna.
- Il-Malti issa sar l-ilsien nazzjonali u l-Ingliż baqa' miżmum bħala t-tieni lingwa ta' pajjiżna.
- Minkejja t-tluq tal-Ingliżi fl-1979, il-preżenza tal-Ingliż f'ilsienna baqgħet dejjem tikber.



# Il-Malti fil-preżent

- Illum il-ġurnata għadna naraw u nħossu l-preżenza tat-tliet għejun ewlenin li jagħtu l-ħajja 'l-Malti: is-Semitiku, ir-Rumanz, u l-Ingliż.
- Mad-dħul tat-teknoloġija kompjuterizzata qed isib postu fil-Malti kliem ġdid bħal mowbajl, nissejvja, niddawnlowdja, nifformattja.





# Il-Malti fl-Unjoni Ewropea

- Meta f'Mejju tal-2004 Malta saret tagħmel parti mill-Unjoni Ewropea, l-ilsien Malti ġie rikonoxxut bħala wieħed mil-lingwi uffiċjali ta' din l-għaqda.
- Kull dokument tal-Unjoni Ewropea, għalhekk, qed jinqaleb ukoll fil-Malti u ssir traduzzjoni simultanja għall-Malti fis-seduti kollha tal-Parlament Ewropew.



# Il-bilingwiżmu

- Bil-mod qed jidħol ukoll f'ilsienna l-bilingwiżmu, jiġifieri li aħna l-Maltin qegħdin ninqdew kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż biex nitkellmu.
- Irridu, iżda, noqogħdu attenti biex naraw li l-Malti nikkurawh bħala l-ilsien nazzjonali li jagħmilna poplu wieħed u distint, filwaqt li l-Ingliż inżommuh bħala mezz biex jiftħilna t-triq għal żviluppi f'oqsma importanti bħat-turiżmu, l-ekonomija, it-teknoloġija u l-kuntatti tagħna ma' pajjiżi oħrajn.






# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Malti

- Kulma jmur il-Malti qed iġarrab tibdil konsiderevoli u għalhekk twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex joffri gwida ħalli ma nitfixklux u biex fil-kitba ta' lsienna jkun hemm konformità.
- Huwa, għalhekk, importanti li nsegwu mill-qrib ir-regoli li jfassal u t-tagħrif ġdid li jwassal minn żmien għal żmien dan il-Kunsill.




**IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI**

# Biblijografija

Biex nagħmlu r-riċerki tagħna għal dan il-proġett użajna dawn l-għejun ta’ tagħrif:


- Borg, K. *Lingwa u Lingwistika*, KKM, pp 277-291
- *L-Elementi Ewlenin tal-Ilsien Malti*, Handout
- *L-Iżvilupp tal-Malti*, Sagħtar April 2001
- www.wikipedia.com
- www.akkademjatalmalti.com
- www.my-malta.com
- www.answers.com
- www.kunsilltalmalti.gov.mt